MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Numru. 1244/2011

Pulizija

**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Jonathan Felice**

**Ryan Briffa**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Jonathan Felice ta’ 23 sena, iben Emanuel u Mary Anne nee’ Bugeja, imwieled Pieta’ nhar it-12 ta’ Awwissu 1988 u residenti no. 11, Triq Sir Frederick Ponsomby, Gzira u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 389288(M) u l-imputat Ryan Briffa ta’ 21 sena, iben Alfred u Maria Dolores nee’ Caruana, imwieled Pieta’ nhar is-26 ta’ Marzu 1990 u residenti no 31, Triq il-Kbira, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 169990(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

1. Gewwa l-Mosta nhar id-9 ta’ Novembru 2011 ghall-habta tas-6:00 ta’ filghodu, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe’ serq minn gewwa r-

residenza no. 227 ‘Ave Maria’, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri 2,329.37 euro, bil-hin, bil-mezz, u bil-lok u dan sar ghad-detriment ta’ Maria Sant persuna anzjana ta’ aktar minn 60 sena u/jew persuni ohra ;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ flus mill-imsemmija residenza, cioe’ no. 227 ‘Ave Maria’, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-lok u valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro, u dan sar ghad-detriment ta’ l-imsemmija Maria Sant u/jew persuni ohra ;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fil-bieb principali ta’ l-imsemmi fond, liema hsara teccedi 116.47 euro, u dan sar ghad-dannu ta’ l-imsemmija Maria Sant u/jew persuni ohra ;

4. Ryan Briffa wahdu akkuzat talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt ta’ serq u hsara lil propjeta’ kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari (mus) ;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta’ u bil-ponta’ (mus) minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija ;

6. Kiser il-provediment ta' zewg sentenzi ta' tlett(3) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn moghtija lilu fis-17 ta' Gunju, 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dott. Saviour Demicoli LL.D, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula ;

7. Kiser il-provediment tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D datata 15 ta' Gunju, 2009, u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu ;

8. Jonathan Felice wahdu talli kiser il-provediment tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjuba hati, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D. datata 4 ta' Awwissu, 2010, u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu ;

9. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D. fil-21 ta' Jannar 2010 u sussegwentement mibdula mill-Qorti ta' l-Appell preseduta mill-Imhallef David Scicluna LL.D., f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, u dan taht depozitu ta' 12,000 euro jew li jgib plegg tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghall-imsemmija somma ta' 12,000 euro, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta ;

10. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Audrey Demicoli LL.D. fit-3 ta’ April 2009 u sussegwentement mibdula mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano LL.D, fid-19 ta’ Gunju 2009, f’dan li ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, u dan taht depositu ta’ 5,000 euro, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta’ l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta’ Malta ;

11. Il-Qorti kienet mitluba li f’kaz ta’ htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Jonathan Felice u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta’ 12,000 euro w s-somma ta’ 5,000 euro bhala depositu jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet mitluba li f’kaz ta’ htija titratta lil imputati bhala li saru recedivi ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi tal-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 10 ta’ Lulju 2012 (esebita a fol. 262 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

Fil-konfront ta’ Ryan Briffa

(1) fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278(1)(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) fl-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278(1)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(3) fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(4) fl-artikolu 55(a) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(5) fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(6) fl-artikolu 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(7) fl-artikoli 7, 21, 23 u 24 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(12) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(13) fl-artikoli 17, 20, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fil-konfront ta’ Jonathan Felice

(1) fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278(1)(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(2) fl-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278(1)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(3) fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(8) fl-artikolu fl-artikolu 7, 21, 23 u 24 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(9) fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(10) fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(11) fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(12) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(13) fl-artikoli 17, 20, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Jannar 2013, l-imputati ddikjaraw li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fid-9 ta' Novembru 2011 ghall-habta tas-6am il-Pulizija tal-Ghassa tal-Mosta rcevew telefonata anonima fejn gew infurmati li zewgt irgiel kienu sgassaw il-bieb tar-residenza 'Ave Maria', 227, Triq il-Kuncizzjoni, Mosta. Il-Pulizija marru immedjatament fuq il-post fejn minn tieqa li minn barra kienet taghti ghal gewwa l-kantina tal-imsemmija residenza raw zewgt irgiel iqalbu u malli dawn tal-ahhar indunaw bil-presenza tal-Pulizija huma harbu l-gewwa fl-imsemmi fond u meta l-Pulizija dahlu gewwa sabu lil dawn iz-zewgt irgiel, li fil-kors tal-proceduri odjerni gew identifikati bhala l-imputati fil-kawza odjerna, mohbijin wara cinta fuq il-bejt tal-fond de quo. Meta saret tfitxija fuq iz-zewg imputati fuq il-persuna tal-imputat Jonathan Felice instabu €350 f'sittax il-karta tal-€20 u gizirana tad-deheb filwaqt li fuq il-persuna tal-imputat Ryan Briffa instabet keychain tal-fidda u sikkina. Meta xehdet f'dawn il-proceduri Maria Sant il-mara anzjana propjetarja tal-imsemmi fond waqt l-udjenza tal-24 ta' Novembru 2011 hija kkonfermat li l-gizirana tad-deheb u l-key chain tal-fidda li nstabu fil-pussess tal-imputati kienu propjeta' taghha u kkonfermat ukoll li l-ammont ta' flus li sabet neqsin kien jammonta ghal dak l-ammont li nstab fil-pussess tal-imputati u l-flus li kellha kienu f'karti

tal-€20. Xi granet wara d-data indikata Claudio Sant, iben Maria Sant, ikkonseja turnavit li kien instab gewwa gorbocc fejn kienu jitrabbew l-annimali.[1] Irrizulta li saret xi hsara fil-bieb ta' barra tal-imsemmi fond u l-istima relattiv ghall-ispejjez involuti tinsab inserita a fol. 238 tal-atti processwali.

L-imputati ghazlu li ma jwiegbux ghad-domandi li sarulhom mill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet meta rrilaxxjaw l-istqarrijiet inseriti a fol. 40 sa 43 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju l-Avukat Generali indika fil-paragrafi 1, 2 u 3 li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputati ghall-attentat ta' serq kwalifikat bil-valur, bil-hin, bil-mezz u bil-lok kif ukoll ghall-serq kwalifikat bil-hin, valur, mezz u lok u bi hsara volontarja. Illi mill-provi rrizulta li l-imputati nqabdu in flagrante delicto fil-fond minn fejn kienet qed tigi effetwata is-serqa u meta saret tfittxija fuqhom instabu xi oggetti u flus li wara gew identifikati mill-vittma bhala propjeta' taghha. Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova minghajr ombra ta' dubju li l-imputati huma hatja ta' serq kwalifikat bil-lok, bil-valur u bil-mezz izda mhux bil-hin. Dan jinghad ghaliex kif ben tajjeb irrilevat id-Difiza ta' Ryan Briffa minn imkien mill-provi ma jirrizulta li fil-hin (6.00am). Ii z-zewg imputati nqabdu fuq ix-xena tad-delitt kien ghadu d-dlam. In kwantu jirrigwarda l-kwalifiki tal-valur u tal-mezz il-Qorti ma taqbilx mad-Difiza li dawn ma jirrizultawx pruvati. Il-kwalifika tal-valur zgur li tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi ghaliex fuq il-persuna ta' Jonathan Felice nstabu €350 f'noti ta' €20 li kien l-ammont li l-vittma

[1] Vide xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Edmond Cuschieri a fol. 29 sa 38 tal-atti processwali.

sabet neqsin, apparti l-gizirana tad-deheb u l-keychain. Dan l-ammont jeccedi s-somma ta’ €232 u ghalhekk tissussisti l-kwalifika tal-valur. Fil-fehma tal-Qorti anki l-kwalifika tal-mezz tirrizulta pruvata ghaliex l-imputati nstabu gewwa l-fond, kien hemm hsara fil-bieb ta’ barra, ir-rapport li dahal lill-Pulizija kien jindika li xi nies kienu qed jisgassaw il-bieb tal-fond u noltre xi jiem wara nstab turnavit li probabilment intuza mill-imputati sabiex jisgassaw il-bieb. Ghalkemm mill-provi rrizulta wkoll li l-Pulizija kellhom huma wkoll jisgassaw il-bieb sabiex jidhlu, huma ghamlu dan sabiex jaqbdu l-malviventi u fi kwalunkwe kaz il-Qorti jidrilha li l-fatturi kollha appena indikati ma jhallu l-ebda dubju li anki l-imputati sgassaw il-bieb ta’ barra tal-fond sabiex dahlu. Isegwi li tirrizulta wkoll ir-rejita’ ghall-hsara volontarja ghalkemm dan ir-reat ser jitqies bhala mezz ghall-fini tar-reat ra’ serq.

In kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni ta’ attentat ta’ serq il-Prosekuzzjoni tirritjeni li anki din tirrizulta pruvata ghaliex kien hemm hafna aktar affarijiet fil-fond li setghu jinsterqu u li ma nsterqux minhabba xi haga ndipendenti mill-volonta’ tal-imputat u cioe’ ghaliex huma nqabdu fil-fatt mill-Pulizija. Id-Difiza min-naha l-ohra tirritjeni li l-imputati ma jistghux jinstabu hatja ta’ attentat ta’ serq ghaliex ma ngabitx il-prova tal-valur tal-oggetti l-ohra li setghu jinsterqu. Il-Qorti f’dan ir-rigward taqbel ma’ dak sottomess mid-Difiza u jidrilha li una volta li ma ngabitx il-prova li l-imputati kienu ser jisirqu oggetti ohrajn kif ukoll tal-entita’ u l-valur tal-imsemmija oggetti huma jistghu jinstabu hatja biss tas-serq tal-oggetti li nstabu fuqhom fil-mument li nqabdu izda mhux ta’ attentat ta’ serq ghall-oggetti ohra li kienu jinsabu fid-dar.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjonijiet mmarkati bhala 8, 9 u 10 migjuba fil-konfrornti tal-imputat Jonathan Felice wahdu lkoll jirrizultaw pruvati stante li gew esebiti kopji tas-sentenzi u d-digrieti ghall-helsien mill-arrest relattivi u l-imputat Jonathan Felice sejjer ghalhekk jinstab hati taghhom. Mill-atti processwali jirrizulta wkoll li l-imputat Jonathan Felice huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali u l-Qorti sejra ghalhekk titratta mieghu bhala tali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjonijiet 4, 5, 6 u 7 migjuba fil-konfronti tal-imputat Ryan Briffa wkoll jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi stante li in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet 4 u 5 ingabet il-prova li nstabet sikkina (mus) fil-pussess tal-imputat Briffa kif ukoll il-prova li huwa ma kellux licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-gar ta’ tali mus. In kwantu jirrigwarda s-sitt imputazzjoni huwa minnu li mill-kopji tas-sentenzi esebiti mill-imputat Briffa [2] jirrizulta li huwa kien gie akkuzat li kkommetta reat waqt perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza tas-17 ta’ Gunju 2010 izda minn ezami tad-decide tal-imsemmija sentenzi jirrizulta li din il-Qorti kif diversament presjeduta la ndikat l-Artikoli 28A sa H , la indikat li kienet qed issibu hati tal-imsemmija akkuza u l-anqas indikat li kienet qed tirrendi operattivi t-tliet xhur prigunerija li kienu sospizi fis-sentenza tas-16 ta Gunju 2010. Din il-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputat hati tas-sitt imputazzjoni izda ser tapplika d-dubju favur tieghu u mhux ser tirrendi it-tliet xhur prigunerija li kienu sospizi operattivi. Rigward is-seba’ mputazzjoni l-Qorti tirrileva li giet esebita kopja tas-sentenza hemm indikata[3] fejn hemm imnizzla l-konnotati tal-imputat li

[2] Inseriti a fol. 302 sa 310 u a fol. 283 sa 288

[3] A fol. 253

huma identici ghal dawk tal-imputat Ryan Briffa fil-kawza odjerna u huwa sejjer ghalhekk jigi misjub hati ta' din l-imputazzjoni kif ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Ghal finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda z-zewg imputati l-Qorti kkunsidrat il-fedini penali pjuttost voluminuzi tat-tnejn li huma fejn nonostante l-eta' zghira taghhom setghat tikkonstata li ghalkemm huma nghataw numru konsiderevoli ta' okkazzjonijiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriformaw ruhhom u jaqbdu t-triq it-tajba huma naqsu manifestament milli jaghmlu dan u fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li m'ghandhiex alternattiva salv li timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-10 ta' Lulju 2012 u senjatament l-Artikoli 17, 261(b), (c), (e), 263, 267, 269, 278(1)(3), 279(a), 280(2), 325(1)(b), 28B u C, 31, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 55(a), 56, 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 7, 21, 23 u 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Ryan Briffa hati tat-tieni(2), tat-tielet(3), tar-raba'(4), tal-hames(5), tas-sitt(6) u tas-seba'(7) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erba'(4) snin u sitt(6) xhur prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

Wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-10 ta' Lulju 2012 u senjatament l-Artikoli 17, 261(b), (c), (e), 263, 267, 269, 278(1)(3), 279(a), 280(2), 325(1)(b), 28B u C, 31, 49, 50, 289 u 579 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 21, 23 u 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Jonathan Felice hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tat-tmien (8), tad-disa' (9) u tal-

ghaxar(10) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erba'(4) snin u sitt(6) xhur prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Jonathan Felice mhux hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni. Il-Qorti inoltre tordna r-ri-arrest b'effett immedjat tal-imputat fejn huwa inghata il-helsien mill-arrest permezz tad-digrieti ndikati fid-disa'(9) u fl-ghaxar(10) imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tat-turnavit mmarkat bhala Dok. EC7 esebit fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2011 u tas-sikkina kontenuta fl-envelope mmarkat bhala Dok. EC6 ukoll esebit waqt l-udjenza tal-24 ta' Novembru 2011.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex ihallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed mis-somma ta' erba' mija u ghoxrin ewro u disghin centezmu (€420.90) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz u dan fiz-zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba bil-miktub mill-istess Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------